Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2922/2002

**Forestals (Appliances) Ltd**

**Vs**

**Jason Jones ezercenti l-kummerc
taht l-isem tad-ditta Inkspots**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tletin lira Maltija (Lm130), prezz ghall bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tletin lira Maltija (Lm130), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------